



Kunsill Ewropew

Brussell, 19 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

EUCO 14/17

CO EUR 17
CONCL 5

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 ta' Ottubru 2017) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa ta' hawn fuq.

Fil-bidu tal-laqgħa, il-Membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill ta' ħarsa ġenerali lejn il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew.

I. MIGRAZZJONI

1. L-approċċ segwit mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE biex ikun żgurat kontrolli sħiħ tal-fruntieri esterni qed jagħti r-riżultati u jrid jiġi kkonsolidat. B'mod ġenerali, il-flussi migratorji qed jonqsu b'mod sinifikanti u l-għadd ta' mwiet fuq il-baħar naqas.
2. Il-Kunsill Ewropew huwa determinat li jkompli bl-approċċ komprensiv, prammatiku u determinat tiegħu, u li japplikah kull fejn ikun meħtieġ. Dan jitlob:
 - viġilanza fuq ir-rotot migratorji kollha u rieda li jkun hemm reazzjoni għal kwalunkwe tendenza ġdida;
 - użu prammatiku, flessibbli u kkoordinat tal-istrumenti disponibbli kollha tal-UE u tal-Istati Membri;
 - appoġġ lill-Istati Membri affettwati jew involuti direttament, inkluż permezz tal-appoġġ kontinwu minn aġenziji tal-UE;
 - kooperazzjoni b'saħħitha ma' sħab internazzjonali kif ukoll ma' pajjiżi ta' orġini, ta' tranżitu u ta' tluq;
 - tnaqqis tal-inċentivi għall-migrazzjoni illegali permezz ta' ritorni effettivi;
 - riżorsi finanzjarji u riżorsi oħrajn adegwati.

3. Biex dan l-approċċ jiġi kkonsolidat u approfondit fuq ir-rotot migratorji kollha, il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għal dan li ġej:

- impenn sħiħ espliċitu fir-rigward tal-kooperazzjoni tagħna mat-Turkija dwar il-migrazzjoni u appoġġ għall-Balkani tal-Punent;
- implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija mal-Istati Membri kollha;
- l-iżgurar ta' ritorni intensifikati b'mod sinifikanti permezz ta' azzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, bħal ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni effettivi; l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tiġi msaħħa aktar u taqdi rwol dejjem akbar fl-organizzazzjoni tar-ritorni;
- l-iżgurar li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK ikollhom il-persunal kollu u li l-mandati tagħhom jiġu adattati kif meħtieġ biex jassistu fil-ġlieda kontra n-netwerks tat-traffikanti u tal-faċilitaturi u biex jgħinu jiġi sfrattat il-mudell tan-negozju tagħhom; l-appoġġ għall-azzjoni tas-sħab tagħna tal-G5 tas-Saħel;
- l-applikazzjoni tal-iskemi ta' risistemazzjoni volontarja u l-iżvilupp tagħhom flimkien ma' sħab internazzjonali, b'mod partikolari mal-UNHCR;
- it-tisħiħ tal-informazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data fi ħdan l-UE, bejn l-Istati Membri, l-aġenziji tal-ĠAI, u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll mas-sħab internazzjonali; f'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella biex l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta operazzjonali jiġu estiżi fil-pajjiżi rilevanti;
- il-ħolqien u l-applikazzjoni tal-mezzi ta' inċentiv meħtieġa, bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-ġhodod kollha rilevanti tal-UE, inkluż dawk dwar l-iżvilupp, il-kummerċ u l-viża, sabiex jinkisbu riżultati miżurabbli f'termini ta' prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u r-ritorn tal-migranti irregolari.

4. Fir-rigward tar-rotta tal-Mediterran Ċentrali, il-Kunsill Ewropew:

- jirrikonoxxi l-kontribut sinifikanti li sar mill-Italja fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali;
- jappella għal sforzi kontinwi mill-UE u għal appoġġ lill-Istati Membri biex iwaqqfu l-flussi u jżidu r-ritorni, kif ukoll sabiex jibnu kooperazzjoni b'saħħitha mal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' tluq;
- itenni l-importanza tal-ħidma mal-awtoritajiet Libjani u l-ġirien kollha tal-Libja sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri u jenfasizza l-urġenza li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali fil-Libja tul ir-rotta migratorji;
- iħeġġeġ u jappella biex jiġu appoġġati, anke finanzjarjament, l-isforzi tal-UNHCR u l-IOM fil-Libja, is-Saħel u fir-reġjun, inkluż biex jiġu ffaċilitati aktar ir-ritorni u r-risistemazzjoni volontarji u biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet Libjani sabiex jiġi żgurat it-trattament uman tal-migranti;
- jieħu l-impenn li jiżgura finanzjament biżżejjed u mmirat, inkluż permezz tat-tieqa tal-Afrika ta' Fuq tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika, biex jirfed l-azzjonijiet meħtieġa relatati mal-migrazzjoni fl-Afrika ta' Fuq u jiffinanzja l-proġetti kollha rilevanti fl-2017 u wara, bi ħruġ ta' flus f'waqtu. Huwa jagħti lill-Kunsill l-inkarigu, bl-assistenza tal-Kummissjoni, li jagħmel segwitu operazzjonali immedjat biex jiżgura li dan l-impenn jitwettaq qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru;
- jappella għal aktar sforzi biex tiġi stabbilita malajr preżenza permanenti tal-UE fil-Libja, b'kont meħud tal-kundizzjonijiet fuq il-post.

5. Il-Kunsill Ewropew jappella għal monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni tul ir-rotot tal-Mediterran tal-Lvant u tal-Punent fid-dawl taż-żidiet reċenti fil-flussi migratorji.
6. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-indirizzar tal-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni u l-għoti ta' opportunitajiet ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi ta' tranżitu u ta' oriġini huma parti mill-approċċ fit-tul tiegħu dwar il-migrazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tnedija reċenti tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, li jappoġġa l-investiment fil-pajjiżi Afrikani u dawk tal-Viċinat. Huwa jilqa' wkoll l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), li timmobilizza investimenti fil-pajjiżi tal-Viċinat. Huwa jistenna b'interess li jiddiskuti l-kooperazzjoni mas-sħab Afrikani fil-laqgħa li jmiss tas-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea.
7. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu lejn is-sistema ta' Schengen u jesprimi l-intenzjoni li jerġa' "Lura għal Schengen" malajr kemm jista' jkun filwaqt li jieħu kont sħiħ tal-interessi ta' sigurtà proporzjonati tal-Istati Membri.
8. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress miksub s'issa fir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u jappella għal aktar konverġenza lejn ftehim li jikseb il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jiżgura reżiljenza għal kriżijiet futuri, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru, u ser ifittex li jilħaq kunsens matul l-ewwel nofs tal-2018.

II. EWROPA DIĠITALI

9. Is-Summit Diġitali ta' Tallinn fid-29 ta' Settembru 2017 bagħat messaġġ qawwi dwar il-ħtieġa għal Ewropa Diġitali aktar b'saħħitha u aktar koerenti. Il-konklużjonijiet tal-Prim Ministru Ratas wara s-Summit jipprovdu bażi eċċellenti għal aktar ħidma fil-livelli kollha.
10. Id-diġitalizzazzjoni toffri opportunitajiet enormi għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi, ser tikkontribwixxi għall-kompetittività globali tagħna, u ser ittejjeb id-diversità kreattiva u kulturali. Biex jiġu sfruttati dawn l-opportunitajiet jeħtieġ li jiġu ttrattati b'mod kollettiv uħud mill-isfidi li ġgħib magħha t-trasformazzjoni diġitali u jiġu rrieżaminati l-politiki affettwati mid-diġitalizzazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jinsab lest jagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex l-Ewropa ssir diġitali.
11. Biex tinbena b'suċċess Ewropa Diġitali, l-UE teħtieġ b'mod partikolari:
 - amministrazzjonijiet u setturi pubbliċi li jidħlu b'mod sħiħ fl-era diġitali u li jmexxu bl-eżempju: gvern elettroniku u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, aċċessibilità, amministrazzjoni b'punt ta' kuntatt waħdieni u l-prinċipju ta' darba biss, u settur pubbliku diġitalizzat huma importanti għat-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna u biex jiġu appoġġati l-erba' libertajiet tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Tallinn dwar il-Gvern elettroniku;

- qafas regolatorju orjentat lejn il-futur: it-tlestija tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali fl-elementi kollha tagħha sa tmiem l-2018 jibqa' kompitu essenzjali. Minkejja l-progress konsiderevoli li sar, jeħtieġ li l-ħidma f'dan il-qasam titħaffef sabiex tintlaħaq din l-iskadenza. Għal dan il-għan, il-Kunsill TTE/Telekomunikazzjoni addizzjonali fl-24 ta' Ottubru għandu jiddiskuti dwar kif titħaffef u tiġi pprijoritizzata l-ħidma fuq is-Suq Uniku Diġitali. Għandu jintlaħaq ftehim bejn il-koleġislaturi dwar l-imblukkar ġeografiku, is-servizzi tal-mezzi awdjoviżivi u l-konsenja tal-pakketti sa tmiem l-2017. Sa Ġunju 2018, il-koleġislaturi għandhom jaqblu wkoll dwar il-proposta tal-moviment liberu ta' data mhux personali u l-kodiċi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati regoli adegwati dwar flussi ta' data ma' pajjiżi terzi fi ftehimiet kummerċjali, mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, għandhom isiru sforzi biex in-negozjati dwar id-drittijiet tal-awtur u d-Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali jkunu kwistjoni ta' prijorità. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-hteġa ta' żieda fit-trasparenza fil-prattiki u l-użi tal-pjattaformi;
- infrastruttura u netwerk ta' komunikazzjoni tal-ogħla livell: dan jeħtieġ kooperazzjoni fil-livell tal-UE, fost l-oħrajn bil-għan li jinkisbu networks fissi u mobbli (5G) b'veloċità għolja ħafna u avvanzati fuq livell dinji madwar l-UE kollha u disponibbiltajiet ikkoordinati u miżjuda tal-ispettru sal-2020 skont kundizzjonijiet regolatorji u ekonomiċi konsistenti; dan min-naħa l-oħra jitlob li jiġu ddedikati r-riżorsi leġislattivi meħtieġa kollha, inkluż għadd suffiċjenti ta' trilogi, biex jintlaħaq ftehim dwar il-kodiċi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż id-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar l-ispettru;
- approċċ komuni għaċ-ċibersigurtà: id-dinja diġitali teħtieġ il-fiduċja, u l-fiduċja tista' tinkiseb biss jekk niżguraw sigurtà aktar proattiva sa mit-tfassil tal-politiki diġitali kollha, nipprovdur ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti u s-servizzi adegwata, u nżidu l-kapaċità tagħna li nipprevjenu, niskoraġġixxu, naqdbu u nittrattaw iċ-ċiberattakki. Għal dak il-għan, il-proposti tal-Kummissjoni dwar iċ-ċibersigurtà għandhom jiġu żviluppatti b'mod olistiku, ippreżentati f'waqthom u eżaminati mingħajr dewmien, abbażi ta' pjan ta' azzjoni li għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill;

- il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità online: għandhom jiġu intensifikati l-isforzi għal dan il-għan kif stipulat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Indirizzar tal-Kontenut Illegali Online u jtenni li huwa lest jappoġġa miżuri adatti fil-livell tal-UE, jekk dan ikun meħtieġ;
- swieq tax-xogħol, sistemi ta' taħriġ/edukazzjoni li huma adegwati għall-era diġitali: huwa meħtieġ li jsir investiment fil-ħiliet diġitali u li l-Ewropej kollha jingħataw is-setgħa u jiġu abilitati;
- sforz determinat għar-R&Ż u l-investiment: jiġu appoġġati forom ġodda ta' intraprenditorija, u tiġi stimulata u assistita t-trasformazzjoni diġitali tal-industriji u tas-servizzi. Strumenti tal-UE bħalma huma l-Programmi Qafas tal-UE, inkluż Orizzont 2020, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan l-oġġettiv. L-UE għandha tesplora wkoll modi kif tistabbilixxi l-istrutturi u l-finanzjament xierqa biex tiġi appoġġata innovazzjoni rivoluzzjonarja;
- sens ta' urġenza li jiġu indirizzati xejriet emerġenti: dan jinkludi kwistjonijiet bħall-intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji ta' katina ta' blokk ta' transazzjonijiet, waqt li fl-istess ħin jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data, ta' drittijiet diġitali u ta' standards etiċi. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta approċċ Ewropew għall-intelliġenza artifiċjali sa kmieni fl-2018 u jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-inizjattivi meħtieġa għat-tisħiħ tal-kundizzjonijiet ta' qafas bil-ħsieb li jippermettu lill-UE tesplora swieq ġodda permezz ta' innovazzjonijiet radikali bbażati fuq ir-riskju u tafferma mill-ġdid ir-rwol minn ta' quddiem tal-industrija tagħha;

- sistema effettiva u ġusta ta' tassazzjoni li hija adegwata għall-era diġitali: huwa importanti li jiġi żgurat li l-kumpaniji kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxi u li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti globali ta' kompetizzjoni f'konformità mal-ħidma tal-OECD li għaddejja bħalissa. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ikompli bl-eżami tiegħu tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni u jistenna b'interess proposti xierqa mill-Kummissjoni sa kmieni fl-2018.
12. L-oġjettiv tagħna jrid ikun li jinholq Suq Uniku aktar integrat u li jinkisbu benefiċċji prattiċi għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej. Il-Kunsill Ewropew ser isegwi mill-qrib l-iżviluppi f'dan il-qasam u ser jipprovdi l-gwida meħtieġa. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet biex iżidu l-ħidma legiſlattiv, u lill-Iſtati Membri biex jimplimentaw il-legiſlazzjoni rilevanti tal-UE u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fi ħdan l-isfera ta' kompetenza tagħhom sabiex isawru l-era diġitali l-ġdida. Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza, fil-livell tiegħu, kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu solvuti fil-livell tal-Kunsill.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

13. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017. Huwa jilqa' l-progress sinifikanti li sar mill-Istati Membri fit-tħejjija ta' notifika tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) b'lista komuni ta' impenji, u fir-rigward tal-governanza tal-PESCO. Huwa jhegġegħ lil dawk l-Istati Membri li huma f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jinnotifikaw minnufih lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli bl-intenzjonijiet tagħhom li jipparteċipaw fil-PESCO. Dan ikun jippermetti t-tnedija tal-PESCO qabel tmiem is-sena, bil-ħsieb li jiġu implimentati minnufih l-impenji, inkluż it-tnedija tal-ewwel proġetti. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li saret sa issa mill-koleġislaturi dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP). Huwa jappella għal qbil fil-Kunsill sa tmiem is-sena, bil-ħsieb li jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun in-negozjati mal-Parlament Ewropew sabiex l-ewwel proġetti tal-kapaċitajiet identifikati mill-Istati Membri jkunu ffinanzjati fl-2019.
14. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw mekkaniżmi ta' finanzjament flessibbli u sodi fil-Fond Ewropew għad-Difiża, biex ikun possibbli l-akkwist konġunt ta' kapaċitajiet u/jew il-manutenzjoni konġunta tagħhom u bħala mod biex jittejjeb l-aċċess għal kapaċitajiet ta' livell avanzat. L-oġettiv huwa li jitwasslu l-kapaċitajiet, li tkun żgurata bażi kompetittiva, innovattiva u bbilanċjata għall-industrija tad-difiża tal-Ewropa fl-UE kollha, inkluż permezz tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-parteeċipazzjoni tal-SMEs, u li jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża, billi jkunu sfruttati sinerġiji u jkun mobilizzat l-appoġġ tal-UE flimkien mal-finanzjament tal-Istati Membri. L-iżvilupp fl-industrija tad-difiża Ewropea ser jeħtieġ ukoll l-appoġġ tal-UE għal investimenti minn SMEs u intermedjarji (mid-cap) fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Huwa jhegġegħ lill-BEI biex jeżamina passi ulterjuri bil-ħsieb li jappoġġa l-investimenti favur ir-riċerka fid-difiża u l-attivitajiet ta' żvilupp. Huwa jilqa' t-tnedija tal-prova tar-Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża (CARD) li għandha tgħin biex tixpruna t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża.

15. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa għall-PESCO, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-CARD li jirrinforzaw lil xulxin b'mod reċiproku sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża.
16. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Diċembru 2017 u ser jevalwa l-progress miksub fir-rigward tal-aspetti kollha tal-aġenda tas-sigurtà esterna u d-difiża kif imniżżel f'Diċembru 2016.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

17. Il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu dwar ir-relazzjonijiet mat-Turkija.
18. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-RDPK biex, mingħajr dewmien, tikkonforma b'mod sħiħ u bla kundizzjonijiet mal-obbligi tagħha skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tabbanduna l-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tagħha b'mod komplet, verifikabbli u irreversibbli. L-imġiba reċenti tar-RDPK hija inaċċettabbli u toħloq theddida sinifikanti lill-peniżola Koreana u lil hinn. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li paċi dejjiema u denuklearizzazzjoni tal-peniżola Koreana għandhom jinkisbu permezz ta' mezzi paċifiċi, permezz ta' djalogu kredibbli u sinifikattiv. Ir-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tar-RDPK issaħħaħ aktar permezz tas-sanzjonijiet awtonomi tal-UE adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fis-16 ta' Ottubru 2017. Il-Kunsill Ewropew ser jikkunsidra aktar reazzjonijiet f'konsultazzjoni mill-qrib ma' sħab u l-UE ser tkompli tgħin lill-pajjiżi terzi filwaqt li tħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa ta' sanzjonijiet tan-NU.
19. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn sħiħ tiegħu favur il-ftehim nukleari mal-Iran u japprova d-dikjarazzjoni mill-Kunsill Affarijiet Barranin tas-16 ta' Ottubru 2017.